**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**
**Biondy Clayd Raafenberg**

**Illum 4 ta' Dicembru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Biondy Clayd Raafenberg** detentur tal-passaport Olandiz numru NT2LCHKD9 u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 79399 (A) billi huwa akkuzat talli :

1. F' dawn il-gzejjer bejn it-18 ta' Novembru 2018 u x-xhur ta' qabel naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li bih inghata l-helsien mill-arrest. Artikolu 579 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-gdid u s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. Artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Decide:**

Wara li l-Qorti rat l-artikoli 579(1) u (2) tal-Kapiltolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tirrevoka l-helsien mill-arrest u tordna ir-re-arrest tal-imputat u tikkundanna lil Biondy Clayd Raafenberg sitt (6) xhur prigunerija.

F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti mhix se tordna l-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija.

**Dr. Joseph Mifsud LL.D**

**Magistrat**